# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Dicembru 2019**

**Numru 16**

**Rikors numru 415/13 SM**

**Stephen Scicluna**

**v.**

**Perit Claude Busuttil**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur ta' Stephen Scicluna tad-29 ta' April, 2013, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi r-rikorrent Stephen Scicluna kien gie inkarigat mill-intimat Perit Claude Busuttil sabiex jaghmillu xi xogholijiet fid-dar u fl-ufficcju tieghu u cioe` fil-fond 307, Triq San Pawl, Valletta. Dawn ix-xogholijiet jinkludu xoghol fuq il-faccata, tindif taz-zebgha taz-zejt, tibdjid ta' kmamar u xogholijiet ohra;
>
> "2. Illi dawn ix-xogholijiet saru skont dak miftiehem bejn il-kontendenti;
>
> "3. Illi dawn ix-xogholijiet dejjem gew ivverifikati mill-Perit intimat li saru kont is-sengha u l-arti;

"4. Illi hekk kif muri fil-prospett ta' xogholijiet imhejji mir-rikorrent stess, il-valur tax-xogholijiet maghmulha mir-rikorrent fil-fond inkwistjoni huwa ta' €11, 595 excl. VAT [Ara Dok. A];

"5. Illi l-Perit intimat ghamel biss tlett pagamenti li jammontaw ghal €1,600 excl. VAT u ghalhekk l-intimat fadallu jaghti lir-rikorrent is-somma ta' €9,995 excl. VAT;

"6. Illi ghalhekk l-intimat Perit ghandu jaghti lir-rikorrent is-somma kumplessiva ta' hdax-il elf, seba' mija erbgha u disghin Ewro u ghaxar centezmi (€11,794.10) rapprezentanti kwantu €9,995 bilanc tal-prezz ta' xogholijiet flimkien mat-taxxa tal-VAT rigwardanti l-pagamenti li ghadhom dovuti lill-esponent in segwitu tax-xogholijiet li gew ezegwiti minnu fil-proprjeta` fl-indirizz 307, Triq San Pawl, Valletta;

"7. Illi r-rikorrent permezz ta' ittra legali datata 12 ta' Settembru, 2012, Ittra Ufficcjali prezentata fil-11 ta' Ottubru 2012 u ittra Ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta prezentata fit-30 ta' Novembru, 2012 (kopja ta' liema qed jigu hawn annessi u mmarkati 'Dok. B', 'Dok. C' u 'Dok. D' rispettivament), interpella lill-intimat sabiex ihallas is-somma kumplessiva ta' hdax-il elf, seba' mija erbgha u disghin Ewro u ghaxar centezmi (€11,794.10);

"Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet imsemmija: -

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Perit intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta' hdax-il elf, seba' mija erbgha u disghin Ewro u ghaxar centezmi (€11,794.10) rapprezentanti l-ammont dovuti mill-intimat lir-rikorrent kif fuq premess;

"2. Tikkundanna lill-istess Perit intimat sabiex ihallas lir-rikorrent l-imsemmija somma ta' hdax-il elf, seba' mija erbgha u disghin Ewro u ghaxar centezmi (€11, 794.10);

"Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti u tal-ittri ufficcjali pprezentati nhar il-11 ta' Ottubru, 2012 u fit-30 ta' Novembru, 2012 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li qieghed minn issa jigi ingunt in subizzjoni".

Rat ir-risposta guramentata tal-Perit Claude Busuttil tad-29 ta'Mejju, 2013, li permezz taghha eccepixxa:

> “1. Illi fl-ewwel lok it-talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 in kwantu hija azzjoni ta’ bennej u bajjad jew persuna ohra li tahdem sengha ghall-prezz tax-xoghol tieghu jew materjal li jforni.
>
> “2. Illi subordinatament u minghajr hsara ghall-ewwel eccezzjoni ma kien hemm l-ebda ftehim dwar il-prezz u fil-fatt l-attur dejjem kien isostni li kien ser jithallas minn *commissions* fuq xoghlijiet li kien jghaddilu l-eccipjent.
>
> “3. Illi subordinatament u minghajr hsara ghall-eccezzjonijiet precedent, ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u fil-fatt parti sostanzjali tax-xoghol kellha terga’ ssir minn terzi persuni.
>
> “4. Illi subordinarjament u minghajr hsara ghall-eccezzjonijiet precedent l-ammont pretiz huwa ezagerat u mhux gustifikat.
>
> “5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> “Bl-ispejjez kontra l-attur illi minn issa hija ingunt ghas-subizzjoni”.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Perit Claude Busuttil li permezz taghha nghad ukoll :

> “Illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur in kwantu ghat-talba ghall-hlas ghal xoghol relattiv ghall-installazzjoni ta’ airconditioner”.

Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta’ Ottubru, 2014, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens li l-Qorti qieset ruhha sodisfatta li l-intimat ipprova z-zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati minnu u ddikjarat li l-intimat Perit Claude Busuttil mhux legittimu kontradittur ghat-talba tar-rikorrenti rigwardanti l-*air conditioner* stallat fl-ufficini tas-socjetà *Arc Studio Limited* u li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-proceduri odjerni, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “8. Illi in vista tas-suespost din id-decizjoni hi limitata ghaz-zewg (2) eccezzjonijiet ta’ natura preliminari sollevati mill-intimat senjatament:
>
> “8.1. Il-kwistjoni relattiva jekk l-intimat hux il-legittimu kontradittur fil-konfront tal-*air conditioner* hemm minnu indikat;
>
> “8.2. Il-kwistjoni rigwardanti l-preskrizzjoni sollevata mill-istess intimat;
>
> “9. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:
>
> “9.1. Illi l-preskrizzjoni indikata mill-intimat hi dik naxxenti mill-artiklu 2148 tal-Kap 16 fuq indikat, li sintetikament tistabilixxi li l-azzjonijiet hemm imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax (18) -il xahar;
>
> “9.2. Illi l-azzjonijiet relattivi ghall-fatti involuti fil-kaz odjern jirrigwardaw ix-xoghol ta’ bajjada u bennejja ghall-prezz tax-xoghol involut jew tal-materjal fornit;
>
> “Ikkunsidrat:
>
> “10.0. Illi minn analizi tal-fatti kif esposti fid-depozizzjonijiet ezaminati jirrizulta sintetikament is-segwenti:
>
> “10.1. Illi l-appalt moghti lir-rikorrenti gie ezegwit principalment qabel u matul is-sajf 2010 u gew terminati fl-ewwel gimgha ta’ Settembru, 2010, (ara foll 41, xhieda tal-intimat u foll 43, xhieda ta’ Martino Nociforo;
>
> “10.2. Illi sussegwentement is-socjeta` bl-isem *Ark Studio Limited* inkarigat lir-rikorrenti biex jaghmel xoghol ulterjuri separat fis-sajf 2011, senjatatment rigwardanti l-*air conditioning unit* involut;
>
> “10.3. Illi jirrizulta li l-ewwel ittra gudizzjarja mibghuta mir-rikorrenti lill-intimat hi datata l-11 ta’ Ottubru, 2012, (ara foll 10), segwita b’ohra datata t-30 ta’ Novembru, 2012, (ara foll 11);
>
> “10.4. Illi r-rikors guramentat li ta` bidu ghall-procedura odjerna hu datat id-29 ta’ April, 2013, (ara foll 1);
>
> “10.5. Illi l-ahhar pagament imhallas lir-rikorrenti hu datat it-13 ta’ Novembru, 2010, (ara prospett a foll 8);

"Ikkunsidrat:

"11. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li il-perjodu operattiv in dizamina beda effettivament jiddekorri mit-13 ta' Novembru, 2010;

"12. Illi *ai termini* tal-artiklu 2148 tal-Kap 16 fuq indikat il-perjodu effettiv li fih setghet legittimament tigi intavolata l-azzjoni tar-rikorrenti minghajr il-periklu tal-preskrizzjoni in dizamina kellu jkun mit-13 ta' Novembru, 2010, sat-13 ta' Lulju, 2012;

"13. Illi l-ewwel ittra gudizzjarja mibghuta mir-rikorrenti fil-konfront tal-vertenza odjerna tirrizulta datata l-11 ta' Ottubru, 2012, u ghalhekk tirrizulta li straripat il-limitu statutorju impost b'diversi xhur;

"14. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-azzjoni odjerna tirrizulta li hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Ikkunsidrat:

"15.0. Illi rigward l-ammont specifikatament dovut ghall-*air condition* in dizamina, jinghad sintetikament is-segwenti:

"15.1. Illi l-*unit* in dizamina kien ordnat mis-socjeta` *ARK Studio Limited* fejn gie stallat, (ara foll 41);

"15.2. Illi bil-gurament tieghu l-istess intimat jirribadixxi li kien ghamilha cara lir-rikorrenti li x-xoghol kondott fl-ufficini tieghu, inkluz l-*air condition* in dizamina, kien qed isir f'isem is-socjeta` gestita mill-intimat – *ARK Studio Limited* – u mhux minnu personalment, (ara foll 57);

"15.3. Illi ghalhekk ghandu wkoll ikun pacifiku li l-intimat jirrizulta estraneu ghar-relazzjoni rigwardanti l-*air condition* in dizamina;

"15.4. Illi konsegwentement, in vista tal-premess tiddikjara li l-intimat mhux il-legittimu kontradittur ghat-talba tar-rikorrenti fir-rigward;"

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stephen Scicluna li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla d-digriet interlokutorju datat 23 ta' Jannar, 2014, kif ukoll thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Ottubru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tilqa' t-talbiet tal-attur appellant u tordna li jissokta s-smigh

tal-kawza in rigward il-mertu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat li permezz taghha jissottometti li l-appell ta' Stephen Scicluna ghandu jigi michud u s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2014, ghandha tigi kkonfermata.

Rat li l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li jistriehu fuq l-atti u li l-appell jista' jmur ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'dan il-kaz qieghed jintalab il-hlas ta' xoghlijiet imwettqa mill-attur appellant fid-dar u fl-ufficcju tal-konvenut appellat, skont prospett anness mar-rikors promotur immarkat bhala Dok. "A". L-attur jikkontendi li ghalkemm il-konvenut ghamel xi pagamenti, ghad fadal bilanc ta' €11,794.10.

Il-konvenut permezz tar-risposta guramentata jeccepixxi li (i) talba attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148; (ii) li ma kien hemm ebda ftehim dwar prezz; (iii) ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti; u (iv) minghajr

pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz huwa esagerat u mhux gustifikat.

Permezz ta' digriet tal-ewwel Qorti tat-23 ta' Jannar, 2014, intlaqghet it-talba tal-konvenut sabiex jipprezenta eccezzjoni ulterjuri, li giet ipprezentata fis-7 ta' Frar, 2014, fis-sens li gie eccepit ukoll li, il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur ghat-talba ghall-hlas ghax-xoghol relattiv ghall-installazzjoni ta' *airconditioner*.

Permezz tas-sentenza tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Ottubru, 2014, intlaqghu z-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut li mhux legittimu kontradittur u li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura odjerna.

L-attur hassu aggravat kemm bid-digriet tat-23 ta' Jannar, 2014, kif ukoll bis-sentenza tal-21 ta' Ottubru, 2014, u ghalhekk interpona appell minnhom it-tnejn. L-attur appellant jattakka d-digriet tat-23 ta' Jannar, 2014, inkwantu jinghad li ladarba l-konvenut kien ressaq l-eccezzjonijiet tieghu fejn ma qajjimx din l-eccezzjoni li mhuwiex legittimu kontradittur, ma kien hemm ebda raguni valida sabiex l-ewwel Qorti tilqa' din it-talba. Jinghad ukoll li din l-eccezzjoni kellha titressaq *in limine litis*, u ladarba ma tressqitx mar-risposta guramentata, l-ewwel Qorti kienet

proceduralment zbaljata meta awtorizzat il-prezentata ta' risposta guramentata ulterjuri.

Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju tal-attur appellant inkwantu jinsab ormai assodat fil-gurisprudenza taghna li l-eccezzjoni tal-illegittimita` tal-persuna hija perentorja tal-gudizzju ghaliex jekk tintlaqa' l-gudizzju jaqa' u jispicca. "*Ghalhekk dik l-eccezzjoni tista' titqajjem ukoll f'kull stadju tal-process imqar fil-grad tal-appell*," (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Socjeta` Filarmonika 'La Stella' v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza fid-19 ta' Lulju 1997) (Kollez. Vol. LXXXI. ii. 625). Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-digriet moghti mill-ewwel Qorti meta laqghet it-talba tal-konvenut appellat li jressaq din l-eccezzjoni ulterjuri u ghalhekk ma tara ebda raguni valida li thassar l-imsemmi digriet.

Imiss li jigi trattat l-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Ottubru, 2014, imsejjes fuq hames aggravji: (i) fl-ewwel aggravju jinghad li ladarba ma giex pprecizat l-artikolu tal-ligi fin-nota tal-eccezzjonijiet li a bazi tieghu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet qeghda tigi sollevata, tali eccezzjoni ma setghetx tigi akkolta; (ii) l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma setghetx tintlaqa' peress li kien hemm rinunzja taghha da parti tal-konvenut appellat naxxenti mill-istess risposta guramentata;

(iii) il-konvenut appellat irrikonoxxa wkoll id-debitu tieghu waqt ix-xhieda tieghu, li wkoll iwassal ghal renunzja tal-preskrizzjoni; (iv) l-artikolu citat mill-konvenut appellat fin-nota ta’ sottomissjonijet quddiem l-ewwel Qorti mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami; u (v) l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku tqajjmet biss fil-konfront ta’ bicca xoghol wahda minn diversi li saru mir-rikorrent, li jfisser li x-xoghol kollu sar ghall-beneficcju tal-konvenut, salv bicca xoghol wahda li jinghad sar lis-socjetà Arc Studio Limited. Dan meta minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut indika jew b’xi mod wera li kien qieghed jikkuntratta f’isem haddiehor jew f’isem entità ohra la fil-mument li sar il-ftehim dwar ix-xoghlijiet u lanqas waqt li kienu qeghdin isiru l-istess xoghlijiet.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti ssib li l-attur appellant ghandu ragun, inkwantu l-Artikolu 2148 invokat mill-konvenut appellat fir-risposta guramentata ghandu numru ta’ subincizi, effettivament sitta. L-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili fil-fatt jippreciza li il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Huwa principju affermat fil-gurisprudenza, li l-Qorti ma tistax taqbad u tindika hija stess l-artikolu tal-ligi applikabbli fin-nuqqas tal-parti interessata li taghmel dan. Hekk per ezempju nghad minn din il-Qorti (sede inferjuri) fis-sentenza taghha tal-4 ta’ Ottubru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd. v. Anthony Calleja**:

> "*…konvenut jeccepixxi ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 tal-Kapitolu 16". Koncepita b' dan il-mod ma jidherx li l-preskrizzjoni eccepita tista' tigi akkolta. F' dan il-Qorti ma tistriehx sempliciment fuq l-awtorita` taghha izda ghandha s-sostenn tal-ligi u r-riflessjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, fid-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et", 21 ta' Marzu 1977. Anke jekk f' dan il-kaz il-Qorti kienet qed tikkonsidra l-preskrizzjoni moghtija skond Artikolu 2149, il-kunsiderazzjoni hemm akkordata tghodd ugwalment ghall-kaz in ispecje. A propozitu gie hemmhekk osservat illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b' mod sufficjentement car u specifiku bl-indikazzjoni ta' l-Artikolu 2254 (illum Artikolu 2149) tal-Kodici Civili, li f' ben hames incizi distinti jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra … Din il-Qorti, b' ligi, ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata" (Artikolu 2216, fil-prezent Artikolu 2111 tal-Kodici Civili) u m' ghandhiex, ghalhekk, tfittex biex tara hix applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b' mod car u esplicitu minn min jinvokaha (ara Kollez. Vol. XXXIII P I p 481; Vol. XXXIV P I p 410 u Vol. XL P I p 170)";*
>
> "*Rigwardata taht dan il-profil, fejn ukoll fl-Artikolu 2148 ghandek ben sitt incizi, din il-Qorti ma tistax hlief tirrigetta l-preskrizzjoni invokata billi, kif formulata, ma tikkorrispondix ghal dak li trid il-ligi u mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tfittex ghal liema wahda mill-azzjonijiet prospettati fil-predett artikolu kien qed jalludi l-appellanti;*".

Hekk ukoll, dik l-istess Qorti fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Gunju, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci v. Saviour Farrugia** spjegat li:

> "*Irid jinghad ukoll illi l-propozizzjoni generika ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta` indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f` dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b` mod sufficjentement car u specifiku inkwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f` ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta` azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et", Appell Kummercjali, 21 ta` Marzu 1977; Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta` indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies censurabbli*".

Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, ma tarax kif l-ewwel Qorti setghet tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imressqa fir-risposta guramentata da parti tal-konvenut appellat, inkwantu ladarba naqas milli jispecifika s-subinciz li fuqu kien qieghed isejjes l-eccezzjoni tieghu, dik il-Qorti ma setghet qatt tqis l-eccezzjoni nvokata minnu. Wara kollox l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tinghata tifsira restrittiva, b'dan li jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabbilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni. Lanqas il-fatt li l-konvenut ipprova jimla din il-lakuna fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu meta jiccita l-Artikolu 2148(a) ma hi ta sufragju ghalih, inkwantu ladarba huwa naqas li jressaq eccezzjoni formali f'dan is-sens, l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni tas-subinciz indikat minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-attur appellant huwa wiehed misthoqq u ser jigi milqugh.

Strettament il-Qorti tista' tieqaf hawn dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, madankollu tqis xieraq li tkompli tistharreg it-tieni aggravju tal-attur appellant sabiex jigu ccarati xi punti. F'dan l-aggravju l-attur appellant jilmenta li l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma setghetx tintlaqa' peress li kien hemm rinunzja taghha da parti tal-konvenut appellat naxxenti mill-istess risposta guramentata. Hawn ukoll l-attur appellant ghandu ragun inkwantu kif kellha okkazjoni tirrileva din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-

29 ta' Marzu, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Carmlu Limited v. Joseph Cachia**, bhala regola generali l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata (Artikolu 2137 tal-Kodici Civili). Il-ligi tipprovdi wkoll ghas-sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni titqies li tinkiser. Fost ic-cirkostanzi mahsuba mil-ligi li jiksru l-preskrizzjoni, wiehed isib (a) it-talba b'att gudizzjarju; (b) bl-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha kien ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni; jew (c) bi hlas akkont (Artikoli 2128, 2133 u 2134 tal-Kodici Civili).

Jezistu cirkostanzi fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata, bhal f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur jadotta linja ta' difiza li tpoggih fi stat, li tirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-eccezzjoni moghtija minnu tal-preskrizzjoni. Ezempji ta' dan il-kaz huwa proprju fejn id-debitur jikkontesta l-pretensjonijet attrici bhala esagerati u kwindi jressaq argumenti dwar l-allegat bilanc dovut, jew fejn apparti l-preskrizzjoni jeccepixxi wkoll il-kompensazzjoni. Tali eccezzjonijiet jimportaw rikonoxximent tad-dejn u tali gharfien jinterrompi l-preskrizzjoni, kif ukoll jikkostitwixxi rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun lahqet ghaddiet. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Dicembru 1901 fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia v. Petrini**, tissejjah "*l'abdicazione di un diritto*".

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri** inghad:

> "*Fil-kawza Vella v. Cefai noe, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2001, intqal li filwaqt illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kenitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illli hija nkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik ta' inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni. Fl-istess sens hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet Vella v. Moby Rentals Ltd. Anke jekk, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza tinqara fis-sens li t-talba tal-attur hi esagerata (ghax ghad-danni li sofra gia` inghata rimedju), tali eccezzjoni twaqqa' dik ta' preskrizzjoni kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza Aluminium Ltd. v. Earli Ltd., deciza fis-16 ta' Frar, 2004*".

Dana peress li huwa ritenut li meta konvenut jeccepixxi l-ammont riklamat da parti tal-attur bhala wiehed esagerat, ikun qieghed jikkontendi li l-ammont reklamat kellu jkun inqas, allura jkun qieghed jirrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni peress li hemm inkompattibbilità bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjoni li l-ammont mhux dovut stante li esagerat. Hekk ukoll gie ritenut li fejn id-debitur jikkontesta l-quantum tal-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni. L-istess f'dan il-kaz, ladarba fir-raba' eccezzjoni tieghu l-konvenut appellat eccepixxa li l-ammont pretiz huwa esagerat u mhux gustifikat, din l-eccezzjoni hija inkompatibbli mal-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni, allavolja saret "*subordinatament u minghajr hsara ghall-eccezzjonijiet precedenti*" (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tad-29 ta' Jannar,1998, fil-kawza fl-ismijiet **Antonia Attard Gialanze v. Emanuel u Doris Rizzo**) (Kollez. Vol. LXXXI. ii. 1).

Il-konvenut appellat iwiegeb billi jaghmel referenza ghall-gurisprudenza fejn jinghad li r-rinunzja tacita hija kwistjoni tal-volontà prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk l-istess debitur jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost li ma jirrikonoxxix id-dritt. Jinghad mill-konvenut appellat li huwa mal-ewwel ikkuntrasta l-pretensjonijiet attrici u l-fatt li ressaq tali eccezzjoni tal-preskrizzjoni bhala l-ewwel eccezzjoni u hija dik ewlenija, kien qieghed juri manifestament li ma kellux il-hsieb li jirrinunzja ghal tali eccezzjoni.

Izda kif inghad fis-sentenza hawn appena citata ta' **Attard Gialanze v. Rizzo**:

> "*Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom saret bla pregudizzju, anke hawn hemm insenjament car u cioe illi (ara ukoll fost ohrajn id-decizjoni Felice Fenech vs Carmelo Bellia tad-29 ta' Jannar, 1960, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili);*
>
> "*…xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni in vista tal-principju protestatis contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni…*".

Kwindi l-attur appellant ghandu ragun ukoll fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju tieghu.

Gia ladarba qieghed jinghad li permezz tar-risposta guramentata sehhet rinunzja tal-preskrizzjoni nvokata mill-konvenut appellat, ma jitqiesx li

hemm għalfejn jiġi mistħarreġ it-tielet aggravju, li wkoll jitratta renunzja tal-preskrizzjoni.

B'żieda ma dan jingħad ukoll li, ladarba ntlaqa' l-ewwel aggravju tal-attur appellant, fejn ingħad li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif avvanzata ma setgħetx tintlaqa' peress li ma ġiex speċifikat fir-risposta ġuramentata s-subinċiż li a bażi tiegħu kienet qegħda tiġi nvokata l-preskrizzjoni, din il-Qorti m'għandhiex tinoltra ruħha fir-raba' aggravju dwar jekk is-subinċiż invokat mill-konvenut appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet hux applikabbli jew le għall-każ in eżami.

Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-attur appellant dak li jitratta l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut appellat, fis-sens li l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur. Il-konvenut appellat jixhed li meta qabbad lill-attur jagħmel ix-xogħol li sar in konnessjoni mal-installar tal-*air conditioning* dan sar a benefiċċju tal-kumpanija tiegħu, Arc Studio Limited u li dan ix-xogħol ma kellu x'jaqsam xejn max-xogħol preċedenti li kien qabbad lill-attur fir-residenza tiegħu. Din ix-xhieda tal-perit konvenut tinsab ikkonfermata minn xi wħud mill-impjegati tal-istess perit. Meta jerġa' jixhed il-perit konvenut in kontro-eżami, jgħid hekk:

> "*Ix-xogħol fl-uffiċċju kont ser inħallsu jien personalment. Għamilt hekk għaliex iddeċidejt li nagħmel hekk jiena bħala Shareholder prinċipali fl-istess kumpanija. Jiena dejjem għamiltha ċara lir-rikorrenti illi x-xogħol li kien qed isir fl-uffiċċju kellu joħroġ f'isem Arc Studio Limited. Dan infurmajtu lir-rikorrenti qabel ma beda x-xogħol in kwistjoni u komplejt*

*ninsisti fuq l-istess anke tul ix-xoghol. Din l-informazzjoni dejjem ghaddejtha lir-rikorrenti verbalment*".

L-attur appellant min-naha l-ohra jinsisti li ghalkemm l-*airconditioner* sar fl-ufficcju tal-perit, huwa kellu jghaddi trinka fil-bitha interna fir-residenza tal-konvenut u wassal il-pajpijiet ghal fuq il-bejt.

In tema legali dwar l-eccezzjoni ta' legittimu kontradittur, din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet tiddelibera fuq dan il-punt, fosthom fis-sentenza taghha tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Darren Borg et v. Geomike Limited et** fejn inghad:

> "*l-prezunzjoni legali hija li bniedem jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, it-terz ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Hekk il-gurisprudenza tghallem, illi meta kontraenti ma jiddivulgax lill-kontraenti l-iehor fil-mument tal-kontrattazzjoni illi n-negozju kien qed jaghmlu f'isem kumpanija, hu prezunt li hu kien qieghed hekk jikkuntratta f'ismu personali. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Anthony Caruana et v. John Magro et., Appell, 6 ta' Ottubru 1999) …*
>
> "*Dan iwassal ghal principju iehor bazilari enuncjat f'diversi sentenzi, fosthom dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Marzu, 2002, fil-kawza Camel Brand Co Ltd. v. Michael Debono, fejn inghad li l-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel tali allegazzjoni. F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza tal-Prim'Awla Qorti Civili ta' l-14 ta' Novembru 1966 fil-kawza fl-ismijiet Bernard Attard v. Raymond Cassar Torreggiani, fejn kien ritenut minn din il-Qorti illi:*
>
> > "*l-appellanti (konvenuti fil-kawza) kellhom jipprovaw mhux biss li n-negozju sar ghas-socjeta` gestita mill-appellant imma wkoll illi fil-mument meta sar tali negozju s-socjeta' attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi min pogga l-ordni maghha u min maghha kien ikkonkluda n-negozju kien qieghed f' dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta' gestita mill-konvenut. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata"*

> "*Naturalment, kif ukoll ritenut, "jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkustanzi ta' kull kaz biex jasal ghal konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji" (Ara sentenza fl-ismijiet Lawrence Formosa et nomine v. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999)*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni in ezami tal-konvenut appellat wara li qieset li l-fattura ghall-*airconditioning unit* **<u>li nharget minn terzi</u>** f'isem Arc Studio Limited u li l-konvenut xehed li kien ghamilha cara lill-attur li x-xoghol in konnessjoni ma' dan kien qieghed isir f'isem is-socjetà gestita minnu Arc Studio Limited u mhux minnu personalament u ghalhekk il-konvenut kien estraneju ghar-relazzjoni rigwardanti l-*air condition.*

Izda meta din il-Qorti tqis li l-attur kien appena qieghed jaghmel xoghol lill-konvenut fir-residenza tieghu fil-fond kontigwu u li l-ftehim bejn il-kontendenti sar kollu verbalment, ma tqisx li tirrizulta prova cara u inekwivoka li l-konvenut appellat ghamilha cara lill-attur li dan ix-xoghol ta' trinek u pajpijiet issa kien qieghed isir ghal persuna differenti. M'hemmx xi provi cari b'tali mod li jeghlbu l-prezunzjoni legali sabiex jikkorroboraw il-verzjoni tal-konvenut appellant jew li jindikaw li meta l-attur gie inkarigat mix-xoghlijiet, kellu jkun ovvju ghalih li x-xoghol kien qieghed isir a favur ta' Arc Studio Limited u mhux favur il-konvenut appellat personalment, jew li huwa kien ben konsapevoli ta' dan.  Din il-

prova kienet tispetta lill-konvenut appellat u fil-fehma ta' din il-Qorti ma tirrizultax. Kwindi dan l-aggravju wkoll jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi li tiddisponi mill-appell imressaq mill-attur appellant billi tilqghu limitatament, u filwaqt tikkonferma d-digriet tal-ewwel Qorti tat-23 ta' Jannar, 2014, thassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Ottubru, 2014, fl-ismijiet premessi u tichad kemm l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellat dwar il-preskrizzjoni, kif ukoll l-eccezzjoni ulterjuri tieghu li mhuwiex legittimu kontradittur.

L-ispejjez tal-kawza sa issa, inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut appellat.

Tordna li l-atti tal-process jintbghatu mill-gdid quddiem l-ewwel Qorti, sabiex jissokta s-smigh fil-mertu.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb